

Brussell, 4 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12351/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0206 (BUD)**

**FIN 1005
PE-L 26**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għall-baġit ġenerali 2025: Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti għan-nefqa

1. Fl-4 ta' Lulju 2025¹, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 2 għall-baġit ġenerali 2025 dwar aġġustamenti kemm fin-naħa tad-dħul kif ukoll dik tan-nefqa tal-baġit².
2. Il-mira ewlenija ta' din il-proposta hija li tiġi aġġornata n-naħa tad-dħul tal-baġit biex jittieħed kont tal-aħħar żviluppi fir-rigward ta':
 - il-previżjonijiet aġġornati tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-2025 maqbula mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP) fis-26 ta' Mejju 2025. Dan l-aġġornament tipikament jiġi ppreżentat ftit wara l-laqgħa dwar it-tbassir tal-KKRP, f'konformità mal-aspettattivi tal-Istati Membri li l-aġġornamenti tal-KKRP jiġu bbaġitjati malajr kemm jista' jkun;
 - id-dħul l-ieħor bħall-multi u l-kontribuzzjoni tar-Renju Unit.

¹ Il-verżjonijiet lingwistiċi kollha saru disponibbli fil-15 ta' Lulju 2025.

² Id-dokument 11202/25.

Fir-rigward tan-naħa tan-nefqa, l-ABE Nru 2/2025 jinkludi l-elementi speċifiċi li ġejjin:

- tisħiħ tal-appropriazzjonijiet ta' pagament (a/p) għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), wara aċċellerazzjoni tal-ħtiġijiet ta' pagament. Dan huwa xprunat mill-isforzi tal-Istati Membri biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-2023-2027, filwaqt li jiffinalizzaw ukoll l-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti (2014-2022);
- tisħiħ fl-appropriazzjonijiet ta' impenn (a/i) għall-programm Dwana fl-intestatura 1, biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' inizjattivi politiċi ġodda fil-qasam tas-sistemi doganali ċentralizzati, u tisħiħ fl-a/i għall-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri fl-intestatura 3, marbuta ma' investimenti tal-IT biex jitwettqu l-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti mill-Kummissjoni fi Frar 2025³. Dawn ir-rinforzi ser jiġu kkompensati minn tnaqqis ekwivalenti fl-a/i mill-Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali fl-Intestatura 4;
- tisħiħ fl-a/i u l-a/p tal-linja baġitarja tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja bħala riżultat tal-ħtiġijiet addizzjonali marbuta mat-tħejjijiet għas-sħubija tal-Bulgarija fiż-żona tal-euro, bl-għan li jiġu kofinanzjati l-attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati mal-euro fil-Bulgarija;
- frontloading mill-2026 għall-2025 ta' għadd ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus biex din l-aġenzija li għadha kif inħolqot tkun tista' tibda reklutaġġi mingħajr impatt fuq il-livell tal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE Nru 2/2025 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 3.3 miljun f'a/i u EUR 3.5 biljun f'a/p.

³ Id-dokumenti 6609/25 + ADD 1 + ADD 2 (COM(2025) 87 final + ANNESSI 1 sa 2 u SWD(2025) 58 final).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 2/2025 fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Lulju 2025 u seta' jaċċettah mingħajr bidliet.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
- jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 2/2025 kif tinsab fil-punt 3;
 - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u tapprova l-abbozz ta' ittra fl-anness għal dak il-għan; u
 - jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025, kif tinsab fid-dokument 12352/25, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

Sinjura President,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għas-sena finanzjarja 2025⁴, adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Settembru 2025.

(Formola tal-għeluq).

⁴ Id-dokumenti 12353/25 + ADD 1.